Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 85/2016/1

**Mike 2000 Company Limited (C25922)**
**(appellata)**

**Vs**

**Michele Peresso Limited (C6469)**
**(appellanti)**

17 ta' Ġunju, 2019.

1. **Dan huwa appell tas-soċjetà intimata minn sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tas-17 ta' Ottubru 2018 dwar allegati arretrati ta' kera u ħsarat ġewwa fond fi Triq Dun Karm, Iklin li kien preċedentement mikri lilha.**

2. Mill-atti jirriżulta li:-

2.1. Permezz ta' rikors ippreżentat fl-24 ta' Awissu 2016 fil-Bord li Jirregola l-Kera a tenur tal-artikolu 16A tal-Kap. 69, is-soċjetà appellata ppremettiet illi: (i) hija proprjetarja ta' fond li jinsab fuq tlett sulari ta' spazju ta' *showroom* u parkeġġ taħt l-art ta' ċirka 400m[2] li tinsab ġewwa Triq Dun Karm, Iklin liema fond kien ġie mikri lill-intimata bi skrittura tat-18 ta' Frar 2005; (ii) tali kuntratt jinsab terminat u l-intimata telqet mill-fond peró ħalliet ħsarat fis-somma ta' €20,591.25 rappreżentanti ħsarat u spejjeż fl-*escalators* u *lifts* u arretrati ta' 3 ijiem kera mhux imħallsa li jammontaw għal €1,202.75 li b' kollox jammontaw għal €21,794; (iii) sa fejn taf hi, l-intimati m'għandiex difiża x'tagħti kontra t-talba tagħha; (iv) Lawrence Galea a nom u in rappreżentanza tal-attriċi jikkonferma l-istess bil-ġurament tiegħu; u (v) għalhekk kellha ssir din il-kawża.
Talbet għalhekk lill-Bord: 1.Tiddikjara li s-soċjetà intimata hija responsabbli għall-ħlas ta' kera li huma in arretrati u tiddikjara ukoll li s-soċjetà intimata hija responsabbli għall-ħsarat li ġew kaġunati fil-*lifts* u l-*escalators;*

2.Tikkundanna lis-soċjetà intimata biex iħallsu s-somma ta' €21,794 li jikkonsistu fi ħsarat fil-*lifts* u *escalators* u arretrati ta' kera; 3.Bl-ispejjeż inkluż dik tal-ittra uffiċjali.

2.2. Fl-udjenza tat-3 ta' Novembru 2016[1] il-Bord ra li hemm bażi *prima facie* u s-soċjetà ntimata għandha difiża x'tagħti u konsegwentement laqa' t-talba tal-intimata sabiex tippreżenta risposta fit-terminu tal-liġi.

2.3. Permezz ta' risposta[2] ppreżentata fit-23 ta' Novembru 2016, l-appellanti wieġbet illi: (1) hija mhijiex debitriċi tas-soċjetà attriċi għall-ammont minnha ndikat, ċioé €21,794 allegatament rappreżentanti ħsarat, spejjeż ta' *lifts* u *escalators* u tlett ijiem kera; (2) l-ispejjeż relatati mal-manutenzjoni u tiswijiet straordinarji tal-fond in kwisjoni huma a karigu tal-attriċi skont Klawsola 5 tal-kuntratt tal-kera; (3) wara t-terminazzjoni tal-kirja hija aċċettat twettaq xogħlijiet ta' tiswija fuq l-*escalators* u s-soċjetà attriċi kienet ben konoxxjenti dan dan il-fatt stante korrispondenza legali regolari bejn il-partijiet, iżda hija ma wettqitx dawn ix-xogħlijiet b' mod immedjat għaliex il-*parts* neċessarji ma kienux *in production* u kienu qed jinħadmu appożitament; (4) minkejja dan, l-attriċi interpellatha tħallas somma eżorbitanti ta' l' fuq minn €20,000 u dan meta l-istima li hija rċiviet mingħand fornitur tal-*escalators* kienet ta' €6,000. Is-soċjetà attriċi ma tistax tippretendi li titħallas l-ammont minnha mitlub meta kienet hija stess li naqset li tawtorizzaha sabiex tagħmel ix-xogħlijiet neċessarji a bażi tal-istima minna miksuba; (5) it-talba ta' arretrati ta' tlett ijiem kera hija ukoll infondata stante li hija mhux biss ħallset il-kera kollha dovuta talli akkomodat lill-attriċi billi neħħiet xi *fittings* a spejjeż tagħha meta ma kinietx obbligata tagħmel dan.

2.4. B'sentenza mogħtija fis-17 ta' Ottubru 2018, il-Bord iddeċieda billi: (i) laqa' l-ewwel talba u jiddikjara li s-soċjetà intimata hija responsabbli għall-ħlas tal-okkupazzjoni tal-fond oltré t-terminu lokatizju u ddikjara wkoll li s-socjetà intimata hija responsabbli għall-ħsarat li ġew ikkaġunati fl-*escalators* iżda mhux fil-*lifts;* (ii) laqa' t-tieni talba biss inkwantu kkundanna lis-soċjetà intimata tħallas is-somma ta' għoxrin elf tmien mija u tletin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€20,830.75); bl-ispejjez a karigu tas-soċjeta' intimata, ħlief għal dawk li jirrigwardaw it-talba sabiex il-każ jiġi deċiż bi proċedura sommarja li għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà rikorrenti.

---

[1] Fol. 15.
[2] Fol. 18 – 19.

3. L-intimata appellat u l-aggravji huma:

(i) il-Bord għamel apprezzament ħażin tal-provi;
(ii) l-ammont li hija ġiet ikkundannata tħallas mhuwiex korrett.

4. L-appellata wieġbet illi s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma u li l-Bord għamel apprezzament tajjeb tal-fatti li m'għandux jiġi disturbat minn din il-Qorti.

**Konsiderazzjonijiet:**

5. Permezz tal-**ewwel aggravju** l-appellanti tilmenta li l-Bord għamel apprezzament ħażin tal-provi. Tikkritika li l-Bord qal li ma tressqitx prova li kien falla l-aġent minn fejn oriġinarjament inxtraw escalators falla. Tgħid li kuntrarjament għal dak deċiż mill-Bord, kemm Michael Peresso kif ukoll Jason Farrugia, *Operations and Senior Manager* fi ħdan Coleiro Group, ikkonfermaw dan il-fatt. Targumenta li f'kull każ, l-appellata qatt ma kkontestat dan il-fatt partikolari. Konsegwentement mhux il-każ li hija kienet qed tkaxkar saqajha kif qal il-Bord. Iżżid tgħid li Michael Peresso xehed li xhur qabel ma skadiet il-kirja, l-appellanti kienet inkarigat *technician* sabiex jiddetermina t-tiswijiet li kien hemm bżonn li jsiru iżda peress li l-aġent kien falla il-*parts* neċessarji kellhom bżonn jiġu manifatturati appożitament u dawn, flimkien max-xogħol involut kienu jiswew €5,999 eslużż il-VAT. Tgħid li mill-korrispondenza bejn il-partijiet jirriżulta li hija dejjem żammet lis-soċjetà appellata aġġornata dwar dawn l-iżviluppi u kien jonqos biss il-konferma da parti tagħha. Madanakollu, l-appellata qatt ma awtorizzat li jiġu ordnati l-imsemmija parts minkejja li ġie ppruvat li din kienet alternattiva vijabbli u minflok qabdet u nkarigat lil terzi persuni biex jagħmlu x-xogħlijiet ta' tiswija għal prezz ferm akbar. Dwar it-turġien tal-*escalators,* dawn ġew maħżuna ġewwa *store* proprjetà tagħha u għalhekk ma kienx hemm il-ħtieġa li dawn jerġgħu jiġu ordnati. Tinsisti inoltré li l-appellata kellha l-obbligu sabiex timminimizza d-danni iżda minflok wettqet ix-xogħlijiet għal prezz eżorbitanti mingħajr ma ppruvat iġġib kwotazzjonijiet alternattivi. Tgħid li inoltré tħossha aggravata mid-deċiżjoni tal-Bord in kwantu tirrigwarda l-okkupazzjoni tal-fond oltré t-terminu lokatizzju għaliex ma kienx il-każ li ċ-ċwievet ġew kunsinnati lura tardivament. Ġara biss li s-soċjetà appellata kkuntattjatha sabiex tneħħi xi *fittings* u hekk għamlet minkejja li ma kienx obbligu tagħha tagħmel dan.

6. Hu magħruf li din il-Qorti ma tiddisturbax leġġerment id-diskrezzjoni tal-Prim' Istanza fl-evalwazzjoni tal-provi salv fejn jissussistu raġunijiet gravi li jwassluha

għall-konvinċiment li dan huwa neċessarju sabiex ma tiġix krejata inġustizzja manifesta.[3] Iżda dan m' huwiex il-każ odjern.

7. Jirriżulta li permezz ta' skrittura datata 18 ta' Frar 2005,[4] il-kumpannija appellanti kriet mingħand dik appellata showroom (tliet sulari u żewġ sulari ta' spazji għall-parkeġġ) fi Triq Dun Karm, Iklin għal tlett snin *di fermo* u seba' snin di rispetto. L-inkwilina ngħatat il-jedd li wara dak il-perjodu l-kera tiġġedded awtomatikament għal żewġ perjodi ta' ħames (5) snin kull darba sakemm l-appellanti ma tagħtix avviż sitt xhur bil-quddiem li m'għandiex intenzjoni iġġedded il-kirja. Il-kirja kellha tibda' fl-1 ta' Ġunju, 2005 jew fl-ewwel ġurnata ta' negozju skont liema ġrajja sseħħ l-ewwel.

8. Permezz ta' l-istess skrittura, l-appellanti *inter alia* ntrabtet li:

> *"5. Water, electricity and telephone bills as well as* ***ordinary maintenance and repair of the Premises and equipment including but not limited to air conditioners, escalators and elevator shall be at the charge of the Lessee*** *whilst extraordinary maintenance and extraordinaruy repair costs of the Premises shall be at the charge of the Lessor unless cause by lack of proper ordinary maintenance. Proof of payment of any of the above shall be given by any party obliged to the other within 15 days from written consent."*
>
> *"12.2* ***The Lessee shall maintain the premises in a good condition and at end or early termination of the lease, shall deliver the premises to the Lessor, in a good state and condition, and the premises will therefore revert back to the Lessor*** *together with any improvement and or ameliorisation that will have been effected from time to time.* ***<u>The Lessee is hereby obliged to improve the Premises by installing two escalators</u>****, …which improvements shall form part of the Premises and in relation to which the Lessee whill not have the right to claim any compensation and or reimbursement, or for any payment that will have been effected up to such time of termination."*

9. **Fis-6 ta' Marzu tas-sena 2015**, l-appellanti avżat lis-soċjetà appellata li ma kinitx ser tkompli fil-kirja[5] u li kienet ser toħroġ mill-fond **<u>sal-aħħar ta' Awwissu 2015</u>**. L-appellanti kellha kull dritt li tittermina l-kirja, iżda permezz ta klawżola 12.2 <u>kienet obbligata li tirritorna l-fond lura fi stat ta' tiswija tajba</u>. Il-fond jinkludi l-*escalators*. Pero' fir-realta' dak ma seħħx.

10. Lawrence Galea[6] in rappreżentanza tas-soċjetà appellata xehed li ħmistax qabel l-aħħar tal-kirja saret spezzjoni tal-fond u rriżulta li l-*escalators* ma kinux qegħdin jaħdmu. L-appellanti ġiet interpellata issewwi l-istess, iżda t-tiswijiet baqgħu ma

[3] ***Pirotta Rita vs Carbonaro Simon***, Qorti tal-Appell Inferjuri, 17.11.2004.
[4] Fol. 5 – 11.
[5] Fol. 94.
[6] Fol. 29 *et seq.*

sarux u l-fond ingħata lura bl-*escalators* ma jaħdmux. Għalkemm il-kirja kienet spiċċat, l-appellata tat ċans lill-appellanti sabiex issewwi. Madankollu l-appellanti baqgħet inadempjenti. Eventwlament fi Frar 2016 l-appellata għamlet ix-xogħlijiet, wara li ordnat il-*parts* li kien hemm bżonn.

11. Da parti tagħha l-appellanti tikkonċedi li l-*escalators* in kwistjoni kienu ilhom bejn ħames jew sitt xhur ma jaħdmux **qabel** spiċċat il-kirja.[7] Iżda ssostni li ma setgħetx tagħmel it-tiswijiet neċessarji għaliex l-aġent kien falla u għalhekk kellhom bżonn ikunu manifatturati ċertu *parts* li flimkien max-xogħol involut kienu jiswew €5,999 esluż il-VAT. Tippretendi li l-appellanti qatt ma kellha tagħmel it-tiswijiet hija stess għall-prezz iktar ogħli peress li t-tiswijiet kellhom isiru minnha. Issostni li hija dejjem żammet lis-soċjetà appellata aġġornata dwar l-iżviluppi li kienu għaddejjin dwar il-*parts* meħtieġa iżda dawn ma ġewx ordnati għaliex kienet qed tistenna konferma mingħand l-appellanti, liema konferma qatt ma ngħatat.

12. Fil-fehma tal-Qorti, ladarba r-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet kienet spiċċat, l-appellata ma kellha ebda obbligu li toqgħod tistenna lill-appellanti biex tagħmel it-tiswijiet li suppost wettqet **qabel** ma rritornat il-fond lil sid il-kera. F'dan ir-rigward il-kuntratt hu ċar u m'hemm bżonn ta' ebda interpretazzjoni.

13. Jekk l-agent barrani tal-*parts* kien falla, kienet fid-dmir li ssib rimedju ieħor qabel irritornat il-fond lura lil sid il-kera. L-obbligu kien fuqha u mhux fuq sid il-kera.

14. Jirriżulta iżda li l-appellanti rritornat il-fond biż-żewġ *escalators* bil-ħsara[8] u *parts* neqsin fosthom 85 *rollers* u 18-il tarġa hekk kif ikkonfermat mit-*technician* Renzo Grima[9] u sa dakinhar la kienet ingaġġat lil ħadd biex iwettaq it-tiswijiet u lanqas ordant il-*parts*.

15. Minkejja li **wara t-tmiem tal-kirja l-appellata kellha jedd li tagħmel it-tiswijiet li kien hemm bżonn u tipproċedi kontra l-appellanti għad-danni,** għażlet li tittollera lill-appellanti li ssewwi l-*escalators* b'mod immedjat filwaqt li żammitha responsabbli għat-telf ta' negozju minħabba l-inadempjenza tagħha. F'dan is-sens intbagħatu żewġ ittri legali, waħda 11 ta' Settembru 2015[10] u oħra 30 ta' Ottubru 2015 fejn ingħatawlha speċifikament għaxart ijiem biex

[7] Xhieda ta' Micahel Peresso a fol. 149.
[8] Fol. 146.
[9] Fol. 53 *et seq*.
[10] Paġni mhux enumerati bejn fol. 28 u fol. 29 tal-proċess.

tagħmel it-tiswijiet neċessarji.[11] Fil-frattemp b'email tal-20 ta' Ottubru 2015, l-appellanti infurmat lill-appellata li, '*I contacted Colerio this morning and he told me that his supplier is struggling to find the parts that are needed and he told me that he is on it. I will give him a call during the end of this week to follow it up.'*[12]

16. Kien biss permezz ta' ittra legali datata **12 ta' Novemrbu 2015**[13] li l-appellanti infurmat lill-appellata li l-*parts* neċessarji m'għadhomx *in production* u għalhekk iridu jinħadmu appożitament. Fl-istess ittra żiedet tgħid li, '***dawn ġew debitament ordnati u malli jitlestew ikunu jistgħu isiru x-xogħlijiet'***. Jekk dak hu veru, mhuwiex il-każ li l-appellanti kienet qegħda tistenna awtorizzazzjoni mingħand l-appellata biex tagħmel l-ordni. Minkejja dan, kif jikkonferma Michael Peresso stess, sa Diċembru il-*parts* kienu għadhom ma ġewx manifatturati u t-tiswijiet neċessarji kienu għadhom ma sarux.[14]

17. Fit-23 ta' Diċembru 2015[15] l-appellata infurmat lill-appellanti kellha stima għat-tiswijiet neċessarji u nterpellat lill-appellanti sabiex tħallas. It-tweġiba tal-appellanti, datata 30 ta' Diċembru 2015,[16] kienet illi hija kienet u għadha disposta tagħmel ix-xogħolijiet iżda, '*qed jistennew konferma mingħand il-klijenti tiegħek illi tali xogħolijiet ikunu a pjen sodisfazzjoni tal-pretensjonijiet kollha tal-klijenti tiegħek'*. Għal dan l-appellata wieġbet fit-13 ta' Jannar 2016 li l-istima li kienet għadditilha l-appellanti kien fiha żbalji, fosthom li kienet għal escalator wieħed u mhux tnejn u li ma kinitx tinkludi t-taraġ nieqes. Fiċ-ċirkostanzi l-appellata ħadet ħsieb tagħmel it-tiswijiet, kif wara kollox kellha kull dritt li tagħmel. Wieħed irid jiftakar li l-fond kien wieħed kummerċjali u minħabba l-inadempjenza tal-appellanti, ma setax jintuża qabel issir it-tiswija.

18. Dwar it-taraġ tal-*escalators* l-appellanti tikkontendi li ma kellhomx jiġu ordnati għaliex dawn kienu *stored* f'xi maħżen tagħha.[17] Effettivament jirriżulta li dawn kienu inqalgħu minn Coleiro Group meta kienu ġew avviċinati mill-appellanti sabiex jaraw x'tiswijiet kien hemm bżonn.[18] Iżda:

(i) il-fond mikri kien kbir. Ma jirriżultax għaliex tneħħew mill-fond, u f'kull każ għalfejn qatt ma kienu ritornati;

---

[11] Fol. 103.
[12] Fol. 101.
[13] Fol. 104.
[14] Fol. 147.
[15] Fol. 105.
[16] Fol. 110.
[17] Fol. 95 u 151.
[18] Fol. 79.

(ii) f'kull każ, skont l-iskrittura tal-kirja, l-*escalators* in kwistjoni jifformaw parti mill-fond u fi tmiem il-kirja kellhom ikunu fil-fond. L-appellanti ma kellha l-ebda jedd iżommhom wara tmiem il-kirja;

(iii) l-appellata ma setgħetx tkun taf li t-taraġ kien għand l-appellanti. Dan jirriżulta kemm mix-xhieda ta' Doris Saliba[19] kif ukoll mill-korrispondenza mibgħuta mill-appellanti lill-appellata li m'għarrfithiex li kienu fil-pussess tagħha. *Multo magis,* mal-ittra tat-23 ta' Diċembru 2015 l-appellata kienet għamlet stima dettaljata ħafna ta' Topserv Gozo Limited dwar l-ispiża neċessarja għat-tiswijiet in kwisjoni li *inter alia* tispeċifika l-ammont ta' €7,740 *plus* €1,393.20 VAT għal ***'18 steps 600mm'***.[20] Fit-tweġiba tat-30 ta' Diċembru 2015[21] l-appellanti ma qalitx li dawk l-ispejjeż kienu inutli għaliex it-taraġ kien f'maħżen tagħha.

19. L-appellanti tilmenta wkoll li l-appellata kellha l-obbligu timminimizza d-danni. Fl-ewwel lok, m'hemmx provi li l-appellata għamlet xi ħaġa li biha nefqet iktar spejjeż milli suppost. Il-Bord kellu raġun igħid li l-appellata stenniet biżżejjed sabiex l-appellanti ssib rimedju u ssewwi l-ħsara li kien hemm. Fit-tieni lok, huwa paċifiku li l-prezz tat-taraġ li nstab nieqes mill-appellata ma kienx parti mill-istima tal-appellanti. Il-prezz tal-parti mit-taraġ nieqes inkluż il-VAT hu disat elef ewro (€9,000), liema somma hi l-parti kbira ta' differenza bejn l-istima u dak effettivament imħallas mill-appellata sabiex għamlet it-tiswijiet. Kienet għażla tal-appellanti li tibqa' żżomm it-taraġ għandha.

20. Rigward iċ-ċwievet jirriżulta mix-xhieda ta' Marthese Borg[22] li dawn ġew kunsinnati fit-3 ta' Settembru għall-ħabta tas-6:15 ta' filgħaxija. Wara dan l-episodju, hi u Michael Galea marru diversi drabi jiftħu l-fond sabiex l-appellanti tneħħi oġġetti li kienet ħalliet fil-fond, u l-aħħar *container* kien fis-6 ta' Ottubru. Kif osserva l-Bord, l-appellanti kienet ilha x-xhur taf li kienet ser toħroġ mill-fond u għalhekk kellha obbligu tiżgura li meta toħroġ mill-fond ma tħalli xejn warajha.

21. Dan l-aggravju miċħud ukoll.

22. Permezz tat-**tieni aggravju**, l-appellanti tilmenta mbgħad li f' kull każ, l-ammont li hija ġiet ikkundannata tħallas m'huwiex korrett għaliex ,'*kienu wieħed kellu*

[19] Fol. 135 u 137.
[20] Fol. 107.
[21] Fol. 110.
[22] Fol. 37 *et seq*.

*jaċċetta li l-konklużjoni tal-Bord li kkundanna lill-esponenti tħallas għall-okkupazzjoni żejda tal-fond u għall-ħsarat tal-escalators **iżda mhux tal-lifts**, l-ammont li wieħed jasal għalih huwa dak ta' għoxrin elf, mitejn u erbgħa u sebgħin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€20,247.75), u mhux dak stipulat mill-Bord.'* Permezz ta' *footnote* tispjega mbagħad li t-total ta' €21,794 *minus* €1,519.25 (*maintenance* tal-*lift)* jammonta għal €20,247.75 liema ammonti huma bbażati fuq stima eżebita waqt li kienet qegħda tixhed Doris Saliba Galea fil-11 ta' Jannar 2017.

23. Il-Bord iddeċieda kif ġej:

> '*inkwantu ghall-ammont dovut, il-Bord se jikkundanna lis-socjeta' intimata thallas l-ammont ta' €20,830.75 rapprezentanti inkwantu ghal €1,202.75 arretrati ta' kera u l-kumplament rapprezentanti l-ispejjez relatati mat-tiswija tal-escalators.'*

24. Permezz ta' *footnote* relattiva għal din il-frażi, il-Bord għamel referenza għall-iriċevuti eżebiti f' Dok DSG1 - €472; €12,200; €5,692; €1,136; €600.

25. Fl-atti hemm erba' riċevuti tal-VAT li ħarġet Topserv (Gozo) Ltd lis-soċjetà appellata b'total ta' **€18,964**:

- 17.11. 2015 - €472 *works on escalator*
- 15.04.2016 - €5,692 *lift* (*escalator repair*)
- 22.04.2016 - €12,200 *payment of lift (escalator parts)*
- 04.07.2016 - €600 *cetifications for escalator*

26. Apparti dan, hemm ukoll rċevuta oħra ta' **€1,136** rappreżentanti *shipping costs* tal-*parts* tal-*escalator*. B' kollox, l-ispejjeż relattivi għall-*escalator* jammontaw għalhekk għal **€20,100**.

27. It-talba tal-appellata hija **limitata** għal €21,794 konsistenti f'ħsarat fil-*lifts* u l-*escalators* kif ukoll arretrati ta' kera. Jirriżulta li b' kollox l-ispiża sabiex jitranga l-lift kienet ta' €1,519.25 filwaqt li l-kirja għal tlett ijiem tammonta għal €1,202.75.

28. Jekk titnaqqas is-somma ta' €1,519.25 minn dak mitlub, rappreżentanti l-ispiża għat-tiswija tal-lifts (inkwantu l-Bord iddeċieda li din għandha tkun a karigu tal-appellata u dwarha ma kienx hemm appell) ifisser li s-somma dovuta lill-appellata fil-limiti tat-talba tagħha hija ta' €20,274.75.

29. Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi milqugħ.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti, sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq, tilqa' l-appell limitatament fir-rigward tas-somma li għandha titħallas mill-appellant. Meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, tvarja s-sentenza tal-Bord Li Jirregola l-Kera billi minflok tikkundanna lis-soċjetà appellanti tħallas lill-appellata is-somma ta' għoxrin elf, mitejn erbgħa u sebgħin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€20,274.75).**

**L-ispejjeż jinqasmu in kwantu għal 15% a karigu tal-appellata u 85% a karigu tal-appellanti, filwaqt li l-ispejjeż tat-talba sabiex il-każ ikun deċiż bi proċedura sommarja jibqgħu kif iddeċieda l-Bord.**

Anthony Ellul.